MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' April, 2006

Numru 791/2003

Il-Pulizija
(Spettur Nadia Lanzon)

vs

Nazareno sive Renu Carabott

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 465064(m) akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'Marsaxlokk fl-20 ta' Settembru 2003 u fix-xahar ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnhu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:-
1. b'ghemil zieni ikorrompa lil bintu minuri Kim Carabott ta' tnax il-sena bi ksur ta' l-Artikolu 203 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

2. aktar talli nhar il-Hadd 21 ta’ Settembru, 2003 f’Marsaxlokk, fid-dar tieghu Plot 95, Triq il-Port Ruman, Marsaxlokk bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe’ li jikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta’ bintu Kim Carabott, wera dan il-hsieb billi pprova jwaddab lil bintu it-tarag, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu bi ksur ta’ l-artikolu 41 u 214 et sequitor tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
3. aktar talli fl-istess jum ha l-ligi f’idejh billi qabad u blokka il-bieb tad-dar matrimonjali permezz ta’ gebel kbir minn gewwa b’tali mod li l-martu Gertrude Carabott flimkien ma’ uliedha l-minuri ma kellhomx access ghad-dar matrimonjali ghal-konjugi u dan wara li diga kien ordnat mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ppresdeuta mill-Magistrat Jacqueline Padovani Grima fit-tieni gimgha t’Awissu meta dak inhar kien sahansitra biddel is-serratura tal-bieb bi ksur ta’ l-Artikolu 85 tal-Kap 9.
4. aktar talli fl-istess jum bejn il-hinijiet tas-7:00 p.m. u l-10:00 p.m. fil-ghaxija quddiem ir-residenza tieghu gewwa Triq il-Port Ruman Marsaxlokk bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies b’ghajjat u glied (338m) u ma obdiex ordni legittima moghtija lilu mill-awtorita’ meta gie ordnat biex ihalli lil martu u uliedu jidhlu d-dar skond ordni tal-Qorti bi ksur ta’ l-artikolu 338(m) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali ta’ Malta.

Rat l-artikoli mahruga mill-Avukat Generali li bihom baghtet l-imputat sabiex jigi gudikat minn dina l-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fin-nuqqas ta’ opposizzjoni tal-imputat;

Semghet l-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema’ u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:
Li ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat jinsab akkuzat b'korruzzjoni ta' minorenni (Artikolu 203), b'attentat ta' offiza gravi fuq l-istess minorenni (Artikolu 41 u 216), b'ragjon fattasi (Artikolu 85) u bl-akkuzi kontravenzjonali tal-ksur bil-lejl tan-nies bi hsejjez jew ghajjat u li naqas li jobdi ordnijiet legittimi tal-pulizija (Artikoli 338/m u 338/ee). Issa huwa evidenti li l-akkuza l-aktar serja hija dik ipotizzata taht l-Artikolu 203.

Illi qabel pero' ma l-Qorti tghaddi sabiex tiddiskuti r-reati adebitati bir-ramifikazzjonijiet taghhom thoss li ghandha taghmel is-segwenti osservazzjoni, u cioe', li fil-fehma taghha l-akkuzi odjerni huma konsegwenza ta' ripikke bejn il-konjugi li gew resi aktar aspri bil-komportament xejn esemplari tal-konjugi li anka waslu li huma jisseparaw minn xulxin.

Issa fil-konfront tal-akkuza taht l-Artikolu 203 jirrisulta li l-minuri in kwistjoni kienet gja ghalqet l-eta ta' tnax il-sena u fic-cirkostanzi previsti mill-Artikolu 544 setghet titmexxa 'ex officio'. Dwar l-eghmil zieni kostitwenti l-korruzzjoni dan jinsab bazat fuq zewg cirkostanzi: l-ewwel wahda hi l-okkazjoni fejn l-imputat hareg gharwien mill-kamra tal-banju u rritorna fiha fil-presenza tal-minuri u t-tieni meta kien jghafas il-partijiet privati tieghu waqt argumenti shan li kien ikollu ma' martu anka meta kienet tkun presenti l-minuri. Frankament din il-Qorti hi tal-fehma li l-akkuza in disamina, kif tajjeb osserva l-abbli difensur tal-imputat, giet minfuqha 'l fuq minn kull proporzjon u dan ghaliex fl-okkazjoni meta hu hareg bla hwejjeg kien konvint li ma kien hemm hadd id-dar u fic-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti taghtih il-beneficju tad-dubbju, waqt li ghat-tieni kaz l-imputat spiega r-raguni ghaliex kien jghafas il-partijiet privati tieghu li apparti li kien jaghmel dan minn fuq hwejjgu mhiex inverosimili minhabba l-kundizzjoni medika li kien isofri biha li jaghmel hekk. Fuq kollox tali gest irid wkoll jitpogga fil-perspettiva gusta tieghu ghaliex altru li jsir b'mod vulgari u ta' skern u altru li jsir minhabba necessita'. Ghalhekk mhux qeghdha tirrijavvisa ebda htija taht dan l-Artikolu.

Illi fil-konfront tat-tieni akkuza u cioe' dik ta' attentat ta' offiza gravi fuq il-minuri l-provi mhumiex konvincenti li l-imputat ried jew kellu xi intenzjoni, specifika jew generika, li jwegga' lil minuri. Difatti ma jweggahiex u altru li gie pruvat li ried iwaddabha t-tarag. Il-Qorti minn dak li semghet nisslet konvinzjoni li xejn ma jindika li dan hien verosimili, li dik kienet l-intenzjoni, meta l-imputat qabad lil minuri minn idejha u sejjah lit-tifel. Imqarr, per ezempju, rrizulta xi tbengil jew anka hmura.

Illi dwar l-akkuza tal-esercizju arbitrarju ta' pretensjonijiet jirrisulta li l-imputat imbarra l-bieb principali tad-dar matrimonjali, kif tirrisulta li kienet fiz-zmien tar-reat mhux kontradett bl-ebda evidenza kuntrarja, bl-iskop car li icahhad lil martu mill-access ghad-dar. Ghalhekk f'dan ir-rigward ghandha tirrisulta din l-akkuza kif ghandha wkoll tirrizulta dik kontravenzjonali li ma obdiex ordnijiet legittimi tal-pulizija. Ma tirrizultax pero' dik li bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies billi f'kull kaz ma gie pruvat minn imkien li dan kien il-kaz.

Ghalhekk taqta u tiddecidi li fil-waqt li tiddikjara l-imputat mhux hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba akkuza sa fejn titratta l-ksur tal-mistrieh tan-nies, issibu hati tat-tielet u r-raba fejn naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi. Rat l-Artikolu 85 u 338(ee) u wara li qieset ic-cirkostanzi tiddecidi li tikkundannah Lm75 multa u Lm25 ammenda rispettivament, cjoe' Lm100 komplessivament.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------